# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 6.2

## Kap 6: Min jifforma l-katina tagħna

## Lezzjoni 6.2: Il-veru mħabba bejn il-ħbieb

## L-Għanijiet:

## L-istudenti



1. Jiddikutu u jisimgħu xi stejjer li juru l-veru mħabba bejn il-ħbieb (How can you be a good friend; The mean friends).
2. Jipparagunaw il-ħbiberija veru u fejn ma jkunx hemm ħbiberija tassew (The 4 friends).

## Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:

- kanzunetta dwar il-ħbieb
- karti kkuluriti maqtugħin fil-forma rettangolari
- filmat mill-internet dwar erbat iħbieb
- 'powerpoint' – Il-Ħbiberija
- Il-Karta ta' taħriġ 6.2



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Uri filmat mill-internet (kanzunetta dwar il-ħbieb) u ħeġġeġ lill-istudenti biex ikantaw.
- Staqsi lill-istudenti: Kif inhuma l-ħbieb ta' veru? Wara ssir diskussjoni dwar il-kanzunetta li l-ħbieb mhux dejjem jaqblu f'kollox u li ġieli jiġġieldu imma xorta jerġgħu jagħmlu paċi u li l-ħbieb mhux bilfors għandhom l-istess ideat bħal tagħna.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)



1. (Jekk trid) Agħti karta lill-istudenti u fuqha l-istudenti jridu jiktbu xi ħaġa posittiva li għandu/għandha l-ħabib/a tagħhom ngħidu aħna t/jgħin.
2. Il-karti jitwaħħlu flimkien forma ta' katina.
3. Spjega lit-tfal li l-katina qed tikber u tingħaqad f'katina itwal kull meta jiktbu xi ħaġa pożittiva.
4. Staqsi lill-istudenti x'jiġri kieku xi tfal kellhom jiktbu xi ħaġa negattiva, ngħidu aħna waħda tifla gibdet fuqi, wieħed tifel imbuttani.
5. Spjega lill-istudenti li meta jiġri hekk il-katina tinqasam u l-istess jiġri jekk ikun hemm xi tfal li jġibux ruħhom ta' ħbieb ta' veru.
6. Uri lill-istudenti 'powerpoint' u ssir diskussjoni tal-istejjer differenti u x'jista' jsir.
7. Uri lill-istudenti filmat mill-'internet' dwar erbat ħbieb. Wara mexxi diskussjoni fuq kif dawn l-annimali għenu lil xulxin u fuq kemm hu importanti li ngħinu lil xulxin.

9. Stieden lill-istudenti jifthu l-Ktieb tal-Attivitajiet 6.2 u wara li tispjega s-silta mogħtija għaddi għal Attività 1 fejn, wara diskussjoni, l-istudenti jaslu li jimlew il-kliem addattat fil-vojt.

10. Asal għal Attività 2 u b'diskussjoni wassalhom għar-risposta t-tajba.

11. Iddiskuti Attività 3 u enfasizza l-importanza li nieħdu paċenzja b'xulxin.

12. Agħlaq bit-talb tagħhom stess.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Il-ħbieb ta' veru huma dejjem lesti li jgħinuk.
2. Fejn ma jkunux hemm ħbiberija tajba kulħadd ibati.
3. Huwa importanti li naħdmu biex inwarrbu ħbieb ħżiena u nimxu wara ħbieb sodi u ġusti.




## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal juru li jagħmlu differenza, għalkemm għadhom żgħar, min huma l-ħbieb veri u min huma l-ħbieb ħżiena. Jagħmlu minn kollox biex huma jkunu ħbieb sodi u ġusti għall-oħrajn u jwarrbu 'l dawk li mhumiex hekk.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Kanzunetta dwar il-ħbieb -

http://www.youtube.com/watch?v=g9fBQYE-S5o

Storja dwar erba' ħbieb –

http://www.youtube.com/watch?v=lcwT3sdW960



## Nitolbu



O Ġesù, nitolbok biex jien dejjem ikolli ħbieb li huma tajbin għalija.

Nitolbok ukoll biex jien inkun ħabib/a tajjeb/tajba.